



Brussell, 11 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13959/22

CDR 133

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Settembru 2022, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Sebastiano MUSUMECI, membru fil-Kumitat tar-Reġjuni¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 12743/22.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-finijiet tas-sostituzzjoni tas-Sur Sebastiano MUSUMECI, il-Gvern Taijan ipropona² lis-Sur Christian SOLINAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali, *Presidente della Regione Sardegna* (President tar-Reġjun Awtonomu ta' Sardenja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sat-23 ta' Frar 2024.
 4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 13958/22 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
-

² 13957/22.